**20 ta' Jannar, 1965**

**Imhallef:**

## Onor. Dr. V.R. Sammut, B.A., LL.D.

Giuseppa armla Pace

*versus*

Sydney Simpson

**Titolu Esekuttiv — Kanonizzazzjoni — Spejjeż Ġudizzjarji.**

*Min mingħajr raġuni tajba jew interess leġittimu jitlob il-kanonizzazzjoni ta' l-ammont ta' ċens dovut, minflok ma jitlob l-esekuzzjoni tal-kuntratt relattiv, għandu jbati l-ispejjeż ġudizzjarji żejda u inutli li jkun ipprovoka bil-proċedura li jagħżel.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjoni neċessarja u meħuda l-provvedimenti opportuni kollha; talbet illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u sittax-il lira (£216) lilha dovuta għal disa' xhur ċens fuq il-fondi 36A u 36B, Birżebbuġia Road, St. George's Bay, Birżebbuġia......

OMISSIS;

......skond att ta' l-ewwel ta' Frar, 1960, pubblikat minn-Nutar John Micallef Trigona, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

OMISSIS;

Illi għalhekk il-konvenut huwa debitur ta' l-atriċi fis-somma ta' mitejn u sittax-il lira (£216) mitluba fiċ-ċitazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi t-talba hija għall-kanonizzazzjoni tas-somma dovuta skond l-att pubbliku ġa msemmi.

Illi min għandu titolu eżekuttiv, bħal ma huwa l-att pubbliku, jista' jesegwixxi l-istess titolu, imma l-esegwibilità tiegħu hija sempliċement fakoltà tal-kreditur, li jista' minflok jadixxi l-Qorti biex jitlob il-kreditu tiegħu, aċċertat mill-Qorti;

Illi skond il-ġurisprudenza prevalenti, min però, mingħajr raġuni tajba jew interess leġittimu (bħalma jkollu, per eżempju, meta jrid jiskrivi ipoteka li ma għandux) jitlob il-kanonizzazzjoni tal-ammont dovut, minflok ma jitlob l-awtorizzazzjoni biex jesegwixxi l-kuntratt, għandu ibati l-ispiża żejda u inutili li jkun ipprovoka lill-proċedura li jgħażel (Ara: P.A. Giuseppe Farrugia vs. Avukat Dottor Mario Felice nomine, 11.10.1957; Kumm. 10.3.1953 Giuseppe D'Emanuele vs. Carmelo Zahra, Vol. XXXVII, iii, 841; Kumm. 21.2.1942; Giuseppe Maria Vella et., vs. Carmelo Abela et., Vol. XXXI, iii, 217; Kumm. 16.11.1936: Giuseppe Meilaq et., vs. Dr. John F. Gouder et noe., Vol. XXIV, iii, 310). Għalkemm jeżistu wkoll xi sentenzi li jakkollaw l-ispejjeż kollha lid-debitur, din il-Qorti jidhrilha illi huwa iżjed ġust illi jiġu segwiti s-sentenzi fuq indikati, biex id-debitur ma jiġix aggravat minn spejjeż inutili.

Ikkunsidrat:

Illi fil-każ preżenti l-attriċi ma wrietx illi kellha interess leġittimu jew raġuni valida biex titlob il-kanonizzazzjoni minflok l-awtorizzazzjoni biex tesegwixxi l-kuntratt.

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tilqa' t-talba ta' l-attriċi. L-ispejjeż jitħallsu, in kwantu għall-ammont li kien ikun taxxat suppost li l-attriċi għażlet il-proċedura għall-awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, mingħand il-konvenut, u għall-eċċess mingħand l-attriċi, billi għażlet il-proċedura tal-kanonizzazzjoni.